EUROPEAN PARLIAMENT

MEMBER OF THE EUROPEAN PARLIAMENT

6 ta' Gunju, 2007

# Il-piż ta' l-immigrazzjoni għandu jinqasmu bejn kulħadd - Simon Busuttil MEP

Id-deputat ewro-parlamentari Simon Busuttil qal li l-kritika lejn Malta dwar inċidenti li seħħew dan l-aħħar fl'ibħra li jaqgħu taħt ir-responsabbilita' tal-Libja kienet skorretta u inġusta.

Huwa qal dan meta kien qed jindirizza s-sessjoni plenarja tal-Parlament Ewropew illum fi Brussell waqt dibattitu urġenti li sar dwar il-fruntieri marittimi ta' l-Ewropa. L-inċidenti riċenti marbuta ma' l-influss ta' l-immigranti llegali fil-Mediterran diġa ġew diskussi aktar kmieni din il-ġimgħa fil-kumitat tal-Ġustizzja u Intern tal-Parlament Ewropew.

Fl-intervent tiegħu Simon Busuttil qal li la darba l-immigrazzjoni mhix problema ta' pajjiż wieħed waħdu, il-piż ta' l-immigranti salvati fl-ibħra Maltin imissu jinqasam bejn is-27 pajjiż membru kollha ta' l-UE. Huwa żied jgħid, iżda, li s'issa l-Gvernijiet nazzjonali fost is-27 ma kienux lesti jaqsmu dan il-piż.

Simon Busuttil qal li l-agħar ħaġa li tista' ssir f'sitwazzjoni bħal din hija li wieħed joqgħod jippunta subgħajh lejn l-ieħor flok ħidma flimkien biex tinstab soluzzjoni.

Huwa żied jgħid li Malta taf sew x'inhuma l-obbligi tagħha u qegħda tonorhom b'rispett sħiħ lejn il-valur tal-ħajja - tant li l-parti l-kbira ta' immigranti li jaslu f'Malta kull sena huma persuni salvati minn ħalq il-mewt.

Busuttil qal li l-piż fuq Malta huwa diġa sproporzjonat. Biss biss iż-żona marittima li tissorvelja Malta hija kbira daqs żewġ terzi tal-Germanja jew tliet kwarti tat-territorju kollu taljan.

"S'issa għamilna dan waħedna għax ir-rondi ta' Frontex baqgħu ma bdewx fil-Mediterran. Imma li jiġi xi ħadd u jakkuża lil Malta fuq inċidenti f'baħar Libjan huwa skorett u inġust. Flok ninħlew nippuntaw lejn dak u lejn l-ieħor ejja naħdmu aktar biex insibu soluzzjoni flimkien", hu temm jgħid.

<u>Diksors sħiħ iswegwi:</u>

**Intervent minn Simon Busuttil MEP (EPP-ED, MT)**

*Council and Commission statement: Management of Europe's maritime borders -*

*European solidiarity and protection of migrants' rights*

Grazzi sur President,

L-agħar ħaġa li nistgħu nagħmlu huwa li noqgħodu nippuntaw subgħajna lejn xulxin flok naħdmu flimkien biex insibu soluzzjoni għal din il-problema serja - problema li mhix problem ta' pajjiż wieħed iżda tagħna lkoll.

I VALLETTA: 36, Archbishop Street, Valletta, VLT 08, Malta. Tel: 00356 21226554; Fax: 00356 21226436. I BRUSSELS: European Parliament, Bât. Altiero Spinelli, 09E210, 60, rue Wiertz, B-1047 Brussels, Belgium. Tel: 0032 2284 5686; Fax: 0032 2284 9686. I STRASBOURG: European Parliament, Bât. Louise Weiss, T08026, Allée du Printemps, BP 10024/F, F-67070, Strasbourg Cedex, France. Tel: 0033 38817 5686; Fax: 0033 38817 9686.

Li wieħed jipponta subgħajh lejn Malta dwar inċidenti li seħħew **f'baħar responsabbilita' tal-Libja** u mhux f'baħar responsabbilita' ta' Malta huwa skorrett u huwa inġust.

Malta taf sew x'inhuma l-obbligi tagħha u qegħda tonorhom b'rispett sħiħ lejn il-valur tal-ħajja - tant hu hekk li l-parti l-kbira ta' immigranti li jaslu f'Malta kull sena huma persuni salvati minn ħalq il-mewt.

Il-piż fuq Malta huwa diġa sproporzjonat - biss biss iż-żona marittima li nissorveljaw hija kbira daqs żewġ terzi tal-Germanja jew daqs tliet kwarti tat-territorju kollu taljan. S'issa għamilna dan waħedna għax ir-rondi ta' Frontex baqgħu ma bdewx fil-Mediterran.

Imma li jiġi xi ħadd u jakkuża lil Malta fuq inċidenti f'baħar Libjan huwa skorett u inġust. Flok ninħlew nippuntaw lejn dak u lejn l-ieħor ejja naħdmu aktar biex nsibu soluzzjoni flimkien.

U jekk irridu s-soluzzjoni hija ċara - la darba din mhix problema ta' pajjiż wieħed waħdu, il-piż ta' l-immigranti salvati fl-ibħra Maltin għandu jinqasam bejn kulħadd; bejn is-27 pajjiż membru. Li mhux ċar s'issa huwa jekk il-Gvernijiet nazzjonali humiex lesti jerfgħu ir-responabbilita' u jaqsmu l-piż.

Grazzi.

...........................................................

**Ufficcju ta' Simon Busuttil MEP**

Kevin Mizzi in Valletta: (356) 21228585

I VALLETTA: 36, Archbishop Street, Valletta, VLT 08, Malta. Tel: 00356 21226554; Fax: 00356 21226436. I BRUSSELS: European Parliament, Bât. Altiero Spinelli, 09E210, 60, rue Wiertz, B-1047 Brussels, Belgium. Tel: 0032 2284 5686; Fax: 0032 2284 9686. I STRASBOURG: European Parliament, Bât. Louise Weiss, T08026, Allée du Printemps, BP 10024/F, F-67070, Strasbourg Cedex, France. Tel: 0033 38817 5686; Fax: 0033 38817 9686.